MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 29/2011/1

**Simon Xuereb**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Is-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>**

Permezz ta` dan l-appell, ir-rikorrent Simon Xuereb talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza li kienet inghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2011 fejn cahdet it-talbiet tieghu bl-ispejjez kontra tieghu.

Ghal ahjar intendiment ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht –

*"Il-Qorti :*

*Rat ir-rikors li ressaq ir-rikorrent fit-30 ta' Mejju 2011, li jaqra hekk :*

*Illi huwa kien tressaq il-Qorti akkuzat talli fit-23 ta' April 2001 u ix- xhur ta' qabel kien ikkommetta reati in konnessjoni ma' traffikar ta' droga eroina.*

*Illi fl-20 ta' April 2005, l-istess Simon Xuereb kien gie kkundannat ghal 9 snin prigunerija u ghaxart elef Lira multa.*

*Illi r-rikorrent kien appella ghal dik is-sentenza.*

*Illi l-Qorti tal-appelli kriminali, b'sentenza taghha tal-20 ta' Mejju 2009, prattikament ikkonfermat is-sentenza appellata hlief li rriduciet xi ftit il-multa.*

*Illi ghandu jinghad li f'dan il-kaz partikolari, prattikament l-unika prova li kien hemm kontra r-rikorrent kienet l-istqarrija tieghu.*

*Illi naturalment fi zmien ta' meta huwa rrilaxxa l-istqarrija huwa ma nghatax il-jedd jikkomunika ma' avukat ta' fiducja tieghu u ghalhekk huwa inkrimina ruhu ingustament u kellu l-process tieghu kompromess sa mill-* bidu.

*Illi fid-dawl ta' dan kollu u fil-qafas legali privalenti, dak iz-zmien, l-esponent sab ruhu kostrett illi jippatteggja l-kaz tieghu mal-Avukat Generali u jirregistra ammissjoni.*

*Illi ghalhekk l-esponent u dan anke in linea mad-dettami ta' numru ta' sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali da ricenti, essendo li huwa kellu l-process tieghu kompromess sa mill-bidu nett, huwa ma kellux u ma setax ikollu smiegh xieraq kif garantit fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi konsegwentement, ir-rikorrent jikkontendi li huwa l-kaz li din il-Qorti tiddikjara li l-process gudizzjarju li gie sottomess ghalih l-esponent u s-sentenza konsegwenzjali jigu dikjarati nulli b'tali mod li d-drittijiet tal-esponent jigu ristitwiti in integrum u dan anke in linea ma' sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom Salduz vs. Turkey.*

*Talab ir-rikorrent lil din l-Onorabbli Qorti biex joghgobha tiddikjara:*

*1. Li peress li l-process gudizzjarju tal-esponent kien kompromess sa mill-bidu peress li ma kienx inghata il-jedd li jikkomunika ma' avukat gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali kostituzzjonali tieghu kif sangiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*2. Tordna ir-restituzio in integrum u dan billi tannulla l-process kriminali koncernanti u s-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponent fl-20 ta' Mejju 2009.*

*3. Takkorda kumpens xieraq lill-esponent minhabba fil-pregudizzju minnu soffert ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*4. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa sabiex jigu sangiti d-drittijiet tal-esponent.*

*Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi :*

*L-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*1. Illi preliminarjament ikun opportun li jigu allegati l-atti ta' natura kriminali kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha dak li sehh fil-proceduri kriminali kontra rrikorrent ;*

*2. Illi l-esponent jissottometti li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smiegh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u rriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jirrileva li certament mhux il-kaz li l-Qorti Ewropea rriteniet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq ;*

*3. L-esponent jissottometti li d-dritt ta' smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrent fejn qed jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. Dan kien stabbilit fil-kaz fl-ismijiet "Imbroscia v. Switzerland" (applikazzjoni numru 13972/88 deciz mill-Qorti Ewropea fl-24 ta' Novembru 1993) :*

"*The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine*

*whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirely of the domestic proceedings conducted in the case.*"

*4. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrent inghata t-twissija skond il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess*
*rikorrent kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha.*

*5. Illi inoltre, il-kazijiet li jaghmel referenza ghalihom ir-rikorrent*
*kienu ferm differenti mill-kaz odjern. Fil-kaz ta' 'Salduz v. Turkey'. Salduz kien minorenni fiz-zmien tal-kaz u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament hazin tieghu waqt l-interrogazzjoni u li l-istqarrija inghatat meta kien hekk imgieghel. L-istess jinghad ghall-kazijiet tal-Qorti Ewropea li lkoll kellhom cirkostanzi ben diversi minn dawk odjerni ;*

*6. Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent, recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Marzu 1997, fl-1 ta' Marzu 2005 ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fl-att ta' akkuza kontrih bin-numru 264 tal-2001 u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata l-opportunita' li jikkonsidra d-dikjarazzjoni ta' htija u dan meta kien qieghed jigi rapprezentat mill-avukat tal-fiducja tieghu. Inoltre, dejjem meta r-rikorrent kien qieghed jigi rapprezentat mill-avukat tal-fiducja tieghu, sahansitra ffirma patteggament mal-Avukat Generali li gie pprezentat permezz ta' nota konguntiva fit-2 ta' Dicembru 2004 ;*

*7. Illi di piu', oltre l-istqarrija tar-rikorrent, kien hemm provi ohrajn li jikkorraboraw it-tezi tal-prosekuzzjoni fosthom l-indirizz fuq il-parcel tad-droga, stqarrija ta' persuna ohra akkuzata bl-istess reat, xhieda tieghu stess f'proceduri kriminali ta' persuni ohra akkuzati bl-istess reat, kif ukoll video filming ;*

*8. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-esponenti jissottometti ulterjorment li fl-ebda waqt tal-proceduri ma giet attakkata l-validita' jew il-volontarjeta' tal-istqarrija da parti tar-rikorrenti izda kien biss wara aktar minn ghaxar snin mir-rilaxx ta' tali stqarrija permezz tal-proceduri odjerni li qed tigi attakkata l-istqarrija ghax allegatament ittiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu. Effettivament, matul il-proceduri kriminali li jirreferi ghalihom ir-rikorrenti fir-rikors promotur, huwa qatt ma oppona ghall-prezentata tal-istess stqarrija fil-process kriminali u sahansitra ammetta l-akkuzi dedotti kontrih u lahaq patteggament dwar il-piena, u issa wara li l-proceduri kontrih ilhom res judicata ghal aktar minn sentejn, qieghed iqajjem din il-lanjanza kostituzzjonali. In linea mal-osservazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nostrali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija [Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi' deciza fit-12 ta' April 2011, 'il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res judicata. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder ... "The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined";*

*9. Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju, l-esponent huwa ta' l-umli fehma li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, senjatament id-decizjoni fl-ismijiet 'Salduz v. Turkey' lanqas ma ghandha jkollha effett retroattiv u taffettwa dawk l-istqarrijiet li nghataw qabel id-decizjoni ta' Salduz kienu f'kull kaz skond il-ligi u l-gurisprudenza vigenti f'dak il-perjodu ;*

*10. Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti processwali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta qatt ma gew lezi fil-proceduri kriminali in kwistjoni ;*

*11. Illi finalment, dato ma non concesso li gew lezi d-drittijiet sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta'*

*Malta, l-esponenti jissottometti ukoll illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti fis-sens li tordna r-restituzio in integrum billi tannulla l-process kriminali koncernanti u s-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponent fl-20 ta' Mejju 2009 huwa rimedju li mhux gustifikat.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

*Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Xuereb" li giet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Mejju 2009 ;*

*Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;*

*Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet ;*

*Ikkunsidrat :*

*Illi b'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jipprova jwaqqa' sentenza ta' htija li nghatat fil-konfront tieghu peress li jghid li din kienet principalment ibbazata fuq stqarrija tieghu li ta bla assistenza ta' avukat. Hu jissottometti illi recentement il-Qorti Kostituzzjonali affermat li t-tehid ta' stqarrija minghajr assistenza legali jivvjola d-dritt fondamentali tal-persuna ghal smiegh xieraq u allura sentenza bbazata fuq tali stqarrija ghandha titqies nulla peress li tkun ibbazata fuq prova inammissibbli.*

*Din il-Qorti hi konxja tal-fatt li recentement, il-Qorti Kostituzzjonali affermat il-principju li meta tittiehed stqarrija ta' persuna li tkun investigata b'xi reat u dan meta dik il-persuna ma jkollhiex il-possibilita' li tikseb ghajnuna legali, ikunu gew lezi d-drittijiet taghha ta' smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea – ara "Il-Pulizija vs. Lombardi", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011, u 'Il-Pulizija vs. Pullicino', deciza mill-istess Qorti fl-*

*istess jum. Issa, f'dan il-kaz jidher li stqarrija li ghamel ir-rikorrent, u li fiha ammetta l-involviment tieghu fir-reati li kien akkuzat bihom, ittiehdet fiz-zmien meta ma kellux dritt jitlob assistenza ta' avukat. Dan ma jfissirx, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrent huma nulli. Dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet principali. Fl-ewwel lok, id-dritt ta' avukat ma nholoqx bis-sentenzi ricenti li taw il-Qorti Kostituzzjonali. Dan id-dritt kien jezisti fiz-zmien li ttiehdu l-proceduri kriminali, meritu ta' din il-kawza kontra r-rikorrent, u jekk dan tal-ahhar ma invokax dak id-dritt fiz-zmien opportun, ma jistax issa, kwazi tlett snin wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jinvoka dan id-dritt. Ir-rikorrent, wara li rrilaxxja l-istqarrija, kellu kull opportunita' jikkontesta l-istess kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Mhux talli r-rikorrent ma kkontestax il-validita' tal-istqarrija izda quddiem l-ewwel Qorti li tressaq, huwa ammetta l-akkuzi, u baqa' jsostni l-ammissjoni anke wara li gie imwissi bil-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni mill-Qorti. Inoltre, wara li nghata s-sentenza mill-ewwel Qorti, ir-rikorrent ressaq appell li bih talab ir-riforma tas-sentenza appellata, fis-sens li talab li filwaqt li l-istess tigi konfermata fis-sejbien ta' htija tieghu tal-akkuzi kif dedotti kontrih, tithassar f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal disa' snin prigunerija. Dan juri l-fehma tar-rikorrent li jibqa' jirrikonoxxi r-responsabilita' tieghu ghal dak li gara. Jirrizulta ukoll mill-atti li fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2004, quddiem l-ewwel Qorti gie esebit dokument iffirmat mill-Kummissarju tal-Pulizija u mir-rikorrent fejn gie dikjarat li kienu qed "jaqblu" fuq piena ta' disa' snin u multa bhala li tkun "piena adegwata ghall-htija tal-istess akkuzat". Ghalhekk, ir-rikorrent mhux biss ma kkontestax il-validita' tal-istqarrija tieghu, izda l-atteggjament tieghu wara r-rilaxx taghha, meta allura kien liberu minn kull pressjoni li setghet saritlu qabel u meta kien assistit b'avukat ta' fiducja tieghu, jindika li hu ried jassumi r-responsabilita' tar-reati li kien akkuzat bihom.*

*Oltre dan, fit-tieni lok, is-sejbien ta' htija u l-piena ma kinitx, f'dan il-kaz, ibbazata biss fuq dak li qal ir-rikorrent fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza*

*li tat fl-20 ta' Mejju 2009, ghamlet din l-osservazzjoni dwar il-htija tar-rikorrent u l-piena inflitta.*

*"Nonostante dan, din il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' l-atti sabiex mic-cirkostanzi kollha rizultanti tara jekk ghandux ikun hemm temperament fil-piena ta' prigunerija inflitta. Fil-fehma taghha, pero' ma jidher li hemm l-ebda raguni li tista' timmotivaha biex tvarja din il-piena. Wara kollox, mill-istqarrija ta' l-appellant li huwa kkonferma bil-gurament u mix-xhieda li diga' ta fi proceduri kontra terzi, huwa evidenti li huwa kellu sehem pjuttost attiv fl-ispacc tad-droga in kwistjoni. Din il-piena tikkostitwixxi bilanc gust bejn dak li jista' jitqies favorevoli ghall-appellant, ic-cirkostanzi li fihom sehhew id-delitti in kwistjoni u l-gravita' taghhom (l-ammont ta' droga kokaina involuta kienet sostanzjali), kif ukoll il-protezzjoni li trid tinghata lis-socjeta'." (sottolinear ta' din il-Qorti)*

*Il-Qorti Kriminali ma qaghdetx biss fuq l-istqarrija li kien ghamel ir-rikorrent, izda ezaminat il-provi kollha u rat li kien hemm provi ohra li jorbtuh mar-reat ta' spacc tad-droga.*

*Kwindi, f'dan il-kaz, is-sejba ta' htija ma kinitx bazata unikament jew principalment fuq l-istqarrija li ghamel ir-rikorrent, izda fuq cirkostanzi ohra li waslu ghall-Qorti Kriminali tqis bhala "evidenti" l-involviment tieghu fir-reati li kien akkuzat bihom.*

*Dan kollu apparti dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz imsemmi ta' 'Il-Pulizija vs. Lombardi' fis-sens illi :*

"*Din il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res judicata. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder (ara para. [60] – [62]; [99] – [103]). "The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined" (A v. The Governor of Arbour Hill Prison [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36)*.

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent billi tichad l-istess, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu."*

## II. Ir-rikors tal-appell ta` Simon Xuereb

Ir-rikorrent isostni l-appell tieghu billi jaghmel riferenza ghal tliet konsiderazzjonijiet illi saru mill-Ewwel Qorti.

Fl-ewwel lok, jaghmel riferenza ghall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi d-dritt ghall-assistenza legali kien jezisti fiz-zmien illi ttiehdu l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Huwa jsostni li dik il-konsiderazzjoni hija arbitrarja u mhux guridikament fondata. Ighid illi ghad illi l-Ewwel Qorti xorta baqghet tisma` l-kaz hi, xorta wzat il-kwistjoni tar-rimedju alternattiv u ordinarju fid-deliberazzjoni taghha. Ighid illi l-kwistjoni tar-rimedju ordinarju qatt ma kellha tigi sollevata ghaliex ma kienux jissussistu l-elementi mehtiega sabiex l-Ewwel Qorti taghzel illi tiddeklina mid-diskrezzjoni taghha illi tisma` l-kawza hi.

Fit-tieni lok, jaghmel riferenza ghall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi s-sejbien tal-htija u l-piena ma kienux ibbazati biss fuq l-istqarrija tar-rikorrent. Ir-rikorrenti jghid illi l-maqlub irrizulta fis-sens illi l-prova tal-involviment tar-rikorrent kien jemergi mill-istqarrija tieghu.

Fit-tielet lok, jaghmel riferenza ghall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ma ghandux ikollha effett retroattiv u ma jistax ikollha effett fuq sentenzi ta` kawzi li ghaddew in gudikat.

Kemm ghar-rigward tat-tieni kif ukoll ghar-rigward tat-tielet konsiderazzjoni, ir-rikorrent jaghmel riferenza ghan-nota ta` osservazzjonijiet illi kien ipprezenta quddiem l-Ewwel Qorti.

## III. Ir-risposta tal-appell tal-Avukat Generali

Wara li jaghmel riferenza ghall-fatti, u wara li jaghmel riferenza *in extenso* ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti, illi fil-fehma tieghu hija gusta u timmerita konferma, l-Avukat Generali iwiegeb ghall-aggravji tar-rikorrent.

Dwar l-ewwel aggravju, l-intimat ighid illi hija insostenibbli l-pretensjoni tar-rikorrent illi l-proceduri kriminali illi kienu ttiehdu kontra tieghu kienu nulli bil-fatt illi r-rilaxx tal-istqarrija mir-rikorrent sar fi zmien meta ma kellux jedd jitlob l-assistenza ta` avukat, anke jekk f`dik l-istqarrija huwa ammetta l-involviment tieghu fir-reati illi kien akkuzat bihom. Ir-riferenza tar-rikorrent ghar-rimedji ordinarji ma setghetx tkun invokata fil-kaz tal-lum billi l-intimat ma kien ressaq l-ebda eccezzjoni fis-sens tal-ezawriment ta` rimedji qabel l-istanza kostituzzjonali jew konvenzjonali u lanqas ma l-Ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha fuq konsiderazzjoni ta` dik ix-xorta.

Dwar it-tieni aggravju, l-intimat isostni li ma kenitx l-istqarrija wahedha tar-rikorrent illi wasslet sabiex jittiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu. L-Ewwel Qorti kienet ta` fehma opposta ghal dik tar-rikorrent u dan wara li qieset il-provi, il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz. Skond l-intimat, l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti kien gust u ghalhekk l-esercizzju ta` diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ma kellux jigi disturbat.

Dwar it-tielet aggravju, l-intimat ighid illi anke fil-kaz tal-lum ghandha tigi konfermata l-gurisprudenza illi tghid illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ma ghandux ikollha effett retroattiv fuq il-proceduri ta` kawzi li jkunu ghaddew in gudikat.

## IV. <u>Il-provi tal-proceduri kriminali</u>

Fis-26 ta` April 2001, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b`akkuzi relatati *inter alia* mal-assocjazzjoni, bejgh, traffikar, importazzjoni u pussess tad-droga kokajina. Diversi kienu l-persuni illi xehdu.

Fid-deposizzjoni tieghu, l-Ispettur Neil Harrison jixhed dwar l-involviment li r-rikorrent kellu ma` pakkett (*parcel*) bi droga li wasal mill-Kanada u ma` persuni ohra illi kienu involuti fil-kaz. L-involviment tar-rikorrent kien fis-sens illi huwa kellu konnessjoni ma` stalel fil-Marsa fejn kien impustat l-avviz mill-Maltapost sabiex id-destinatarju jmur jigbor il-pakkett mill-ufficini taghha fil-Hamrun. Ir-rikorrent kien arrestat fl-24 ta` April 2001 flimkien ma` persuni ohra li skond il-pulizija kienu koinvolti fil-kaz.

Saret tfittxija fir-residenza tar-rikorrent fejn kienu elevati Lm2300 fi flus kontanti u l-karta tal-identita` tieghu minn PC10 Trevor Cassar Mallia u PC 213 Nicolai Borg kif ikkonfermaw l-istess kuntistabbli fid-deposizzjoni taghhom.

Ir-rikorrent kien gie iffilmjat minn PC 579 Antoine Micallef fil-pjazza tal-Isla ma` persuna ohra li kien koinvolt fil-kaz u cioe` certu Norman Bezzina fil-11 ta` April 2001. Inqabdu fil-film ighaddu karta lil persuna ohra involuta certu Lorry Gatt. Dan kien konfermat ukoll mill-Ispettur Neil Harrison.

PC 579 Antoine Micallef xehed illi dakinhar tal-11 ta` April 2001 ghal habta ta` l-11.45 a.m., Simon Xuereb u Norman Bezzina waslu flimkien f`karozza Toyota Corolla fil-pjazza tal-Isla. Bezzina kien ix-xufier waqt li Xuereb kien il-passiggier. Lorry Gatt kien qieghed jistenniehom fuq il-post. Bezzina ghadda lil dan Gatt xi haga u aktar tard rega` ghaddielu karta li Gatt dahhalha fil-but. Xuereb u Bezzina telqu waqt li Gatt baqa` l-Isla.

L-Ispettur Harrison xehed illi meta kien interrogat, Norman Bezzina cahad illi kien mar-rikorrent fl-Isla fil-11 ta` April 2001. Meta l-pulizija wrietu l-film tal-inkontru, Norman Bezzina beda jhawwad fid-diskors, skond l-Ispettur Harrison.

Fix-xiehda tieghu, l-Ispettur Harrison ighid illi Simon Xuereb kien interrogat fil-25 ta` April 2001 fil-presenza tal-Ispettur Norbert Ciappara. Qabel beda jkellmu, huwa tah it-twissija, inkiteb kull ma stqarr, konsistenti minn sitt pagni. Ir-rikorrent ma ffirmax l-istqarrija. Fost hwejjeg

ohra, Simon Xuereb qal illi kien jaf lil Norman Bezzina u lil Lorry Gatt. Dan tal-ahhar kien tah kaxxa u hadha lil Norman Bezzina li fetaghha quddiemu. Fiha kien hemm tliet pakketti jew boroz mdaqqsa. Ikkonferma illi fil-letterbox tal-istalla li kellu l-Marsa kienu waslu l-avvizi tal-posta. Ta l-indirizz tal-post lil Norman Bezzina. Kien jaf illi Norman Bezzina kien qieghed igib il-kokajina. It-tliet pakketti kellhom id-droga kokajina u huma u cioe` hu u Norman Bezzina bieghuhom lil tliet persuni differenti. L-istqarrija ta` Simon Xuereb kienet giet esebita bhala Dok NH20 fl-udjenza tas-7 ta` Mejju 2001 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

L-Ispettur Harrison kompla jixhed illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tal-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

L-Ispettur Harrison esebixxa numru ta` dokumenti relatati mal-investigazzjoni tar-reati addebitati lir-rikorrenti u lil ohrajn.

L-Ispettur Norbert Ciappara kkorrabora lill-Ispettur Harrison dwar l-istqarrija tar-rikorrent.

PC1 Reuben Mifsud xehed illi huwa kien prezenti go Racecourse Street, Marsa, meta fil-presenza tal-Ispetturi Harrison u Ciappara, ir-rikorrent indika l-post fejn kienet (u ma baqghetx aktar hemm) *letterbox* li kien hemm ma` stalla li kienet fil-pussess tieghu.

L-Assistent Kummissarju Michael Cassar ikkonferma illi l-pakkett illi wasal mill-Kanada nfetah fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti u certu Gatt li ghandu kien il-pakkett meta kien arrestat u l-kontenut instab illi kien droga kokajina.

Mill-*proces verbal* tal-Magistrat Inkwirenti jirrizulta illi fil-pakkett illi wasal bil-posta kien hemm 2.2 kilogrammi kokajina. Id-droga kienet analizzata u hekk accertata mill-espert Spizjar Mario Mifsud u fotografata mill-espert PC 516 Alfio Borg. Inhatar ukoll espert tal-impronti digitali illi kien PS 673 Joseph Mallia.

L-Ispettur Neil Harrison ikkonferma illi r-rikorrent kien xehed fil-proceduri kriminali illi kienu ttiehdu kontra Norman Bezzina (per Mag. Dr. Antonio Micallef Trigona) fejn ikkonferma kull ma kien stqarr mal-pulizija dwar il-kaz. Kopja tax-xiehda illi ta f`dawk il-proceduri kienet esebita fil-kawza tieghu. Huwa kien gie imwissi mill-Qorti bid-dritt tieghu illi ma jixhedx u li jekk jaghzel illi jixhed kellu l-jedd illi ma jwiegeb ghal ebda domanda illi tista` tinkriminah. Ir-rikorrent xehed u wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu. Huwa fisser kjarament l-involviment kollu tieghu fil-kaz. Xehed illi qabel gie biex jiddeponi huwa kellem lill-avukat li qallu biex jiddeponi. Xehed ukoll fil-kawza li kienet istitwita kontra Laurence Gatt u ohrajn (per Mag. Dr. Abigail Lofaro) u kienet esebita d-deposizzjoni tieghu f`dik il-kawza.

Fid-19 ta` Gunju 2003 inhareg l-Att ta` Akkuza Nru. 15/2003 fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta` Malta vs Simon Xuereb*". Ir-rikorrent ipprezenta l-eccezzjonijiet preliminari tieghu fis-16 ta` Lulju 2003. Fost dawn l-eccezzjonijiet ma hemm l-ebda wahda li tirrigwarda l-istqarrija li rrilaxxja r-rikorrent lill-pulizija. Is-smigh tal-eccezzjonijiet sar quddiem il-Qorti Kriminali fid-9 ta` Ottubru 2003. Hemm ir-rikorrent irtira erba` eccezzjonijiet u zamm firm dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet. Fil-5 ta` Jannar 2004, il-Qorti Kriminali tat sentenza fejn cahdet dawk iz-zewg eccezzjonijiet. Ir-rikorrent ta avviz ta` appell dakinhar stess li nghatat is-sentenza. L-appell kien ipprezentat fis-7 ta` Jannar 2004, kien appuntat u trattat quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali fil-25 ta` Marzu 2004, u kien deciz fit-22 ta` April 2004. Fis-sentenza taghha, il-Qorti laqghet l-appell limitatament fis-sens ta` modifika fl-ewwel kap ta' akkuza u l-bqija tas-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet konfermata. Il-guri kien appuntat ghall-udjenza tas-6 ta` Mejju 2004 fejn il-Qorti kienet infurmata illi seta` kien hemm zviluppi dwar il-kaz u ghalhekk halliet il-kawza ghas-17 ta` Mejju 2004. Permezz ta` rikors tat-13 ta` Mejju 2004, ir-rikorrent talab illi l-guri jigi differit ghal data ohra peress illi d-difiza u l-prosekuzzjoni kienu ghaddejjin fi trattativi ta` patteggjament. Fil-21 ta` Mejju 2004, il-Qorti kienet infurmata illi l-Avukat Generali kien ta kontro-ordni

sabiex ir-rikorrent jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Ir-rikorrent ddikjara illi ma kellux oggezzjoni. Ghalhekk il-Qorti Kriminali tat digriet fejn irrimettiet l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex hemm jigi processat ir-rikorrent.

Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali kienet prezentata nota konguntiva ffirmata mill-ufficjal prosekutur u mid-difensur tar-rikorrent bil-ftehim dwar patteggjament tal-piena. In-nota kienet prezentata fit-2 ta` Dicembru 2004. Il-piena miftehma kellha tkun ta` disa` (9) snin prigunerija u ghaxart elef lira multa (Lm10,000). Fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2005, ir-rikorrent ammetta l-akkuzi dedotti kontrih u kkonferma l-ammissjoni tieghu wara illi l-Qorti tatu l-opportunita` li jikkonsidra l-ammissjoni tieghu. Il-kawza kienet deciza fl-20 ta` April 2005. Il-Qorti sabitu hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u nfliggiet piena ta` disa` (9) snin prigunerija u ghaxart elef lira multa (Lm10,000). Ir-rikorrent talab is-sospensjoni biex jappella u fil-fatt ipprezenta rikors ta` appell fit-2 ta` Mejju 2005 fejn talab riforma tas-sentenza fis-sens illi filwaqt illi talab il-konferma tas-sejbien tal-htija talab il-varjazzjoni tal-piena ghal wahda aktar gusta u idoneja ghall-kaz. Il-kaz beda jinstema` mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2005. Fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2006, ir-rikorrent talab is-soprasessjoni tal-appell sakemm tkun deciza l-kawza tal-lum illi sa dakinhar kienet pendenti quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali). Permezz ta` rikors tat-23 ta` Lulju 2007, l-Avukat Generali nforma l-Qorti illi r-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent kien gie rtirat minnu stess u ghalhekk talab illi l-appell jigi rikjamat. Fil-fatt l-appell kien rikjamat u trattat fl-udjenza ta` l-4 ta` Settembru 2007. L-appell kien deciz fl-20 ta` Mejju 2009 bir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens illi r-rikorrent kien mmultat €11,646.87 minflok €23,293.73 (ekwivalenti ghal Lm10,000) izda l-piena karcerarja baqghet dik ta` 9 snin prigunerija li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien li r-rikorrent ghamel taht arrest preventiv.

## V. **Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti**

It-talba principali tar-rikorrent kienet sabiex il-qorti tiddikjara illi l-process gudizzjarju tieghu kien kompromess sa mill-bidu nett meta ma nghatax il-jedd li jikkomunika ma` avukat u ghalhekk kienu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif tutelati mill-Art.39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("Il-Kostituzzjoni") u mill-Art.6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ("Il-Konvenzjoni"). Talab ghalhekk ir-*restitutio in integrum* u cioe` illi l-qorti tannulla l-process kriminali u s-sentenza moghtija fil-konfront tieghju fl-20 ta` Mejju 2009. Talab ukoll kumpens ghall-pregudizzju li garrab. It-tlett talbiet kienu respinti mill-Ewwel Qorti u ghalhekk r-rikorrent appella.

Filwaqt illi tirrafferma l-principji traccjati, fuq l-iskorta ta` gurisprudenza u awturi citati, fis-sentenzi taghha tal-11 ta` April 2011 fil-kawza "**Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera**", tat-12 ta` April 2011 fil-kawza "**Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi**" u tat-12 ta` April 2012 fil-kawza "**Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) vs Esron Pullicino**", din il-Qorti sejra fl-istess waqt tara kif dawk il-principji ghandhom jigu applikati ghall-fattispece tal-kaz tal-lum fil-kuntest tal-aggravji tar-rikorrent u l-motivazzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti tibda billi tislet differenza bejn l-isfond tat-tlett sentenzi citati fil-paragrafu ta` qabel mal-kawza tal-lum ghaliex filwaqt illi dawk kienu gudikati dwar referenza li saret lill-qorti fil-kors ta` proceduri kriminali pendenti, fl-istanza tal-lum ir-rikors kien intavolat wara li l-kawza kriminali kienet ghaddiet in gudikat. Ghal din il-Qorti is-sitwazzjoni hija ghalhekk radikalment diversa fejn allura l-applikazzjoni tal-principji trid tkun indirizzata ghal fuq binarji attinenti ghax-xenarju li l-qorti ghandha quddiemha.

Dan premess, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-tlett aggravji tar-rikorrent.

Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti tghid illi l-punt centrali huwa xi drittijiet kellu r-rikorrent fl-2001 u cioe` fiz-zmien meta irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija. Bla dubju huwa kellu d-dritt illi jkun debitament imwissi illi ma kien obbligat jistqarr xejn ghaliex jekk jaghzel illi jaghmel stqarrija l-kontenut taghha seta` jintuza bhala prova kontra tieghu fi proceduri kriminali. Mhux kontestat illi r-rikorrent inghata dik it-twissija u xorta wahda ghamel l-istqarrija. Dak iz-zmien, il-persuna arrestata ma kellhiex dritt ta` access ghal avukat *ope legis.* Infatti l-Art. 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali kienu introdotti bl-Art. 74 tal-Att III tal-2002 u gew fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 bis-sahha tal-A.L.35 tal-2010. Lanqas ma kienet ghadha deciza l-kawza "**Salduz vs Turkey**" (App. No. 36391/02) mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt il-kawza kienet deciza fis-27 ta` Novembru 2008. Ghalhekk ma tistax tregi l-pretensjoni tar-rikorrent illi huwa garrab lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif tutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni ghaliex meta irrilaxxja l-istqarrija ma kellux assistenza ta` avukat. Ir-riferenza mbaghad tar-rikorrent ghall-esercizzju tad-diskrezzjoni tal-qorti skond l-Art.46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Art.4(2) tal-Konvenzjoni ma tistax tregi fil-kuntest tal-impostazzjoni tal-ewwel aggravju. Quddiem l-Ewwel Qorti, ma kenitx sollevata (lanqas per *via di eccezione*) da parti tal-intimat xi kwistjoni ta` ezawriment ta` rimedji ordinarji. U lanqas ma jirrizulta illi l-esercizzju tad-diskrezzjoni tal-qorti skond id-disposizzjonijiet citati ma kien b`xi mod jaghmel parti mid-deliberazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti. Li ghamlet l-Ewwel Qorti kienet illi qieset kull ma sehh fil-gudizzju li ghadda minnu r-rikorrent quddiem il-qrati ta` gudikatura kriminali u kienet tal-fehma illi r-rikorrent ma garrab l-ebda vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti tghid illi minn analizi akkurata tal-kumpless tal-provi li ngieb a konjizzjoni tal-qrati ta` gudikatura kriminali jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi s-sejbien tal-htija tar-rikorrent fir-rigward tal-akkuzi dedotti kontra tieghu ma

kienx dipendenti biss u unikament fuq il-fatt illi r-rikorrent irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija. Evidentement dik l-istqarrija ngiebet bhala prova kontra r-rikorrent mill-pulizija u ufficjali tal-pulizija xehdu dwar dak li kien stqarr maghhom ir-rikorrent meta kien interrogat. Fl-istess waqt fil-proceduri kriminali, irrizulta r-rwol attiv illi r-rikorrent kellu fit-twettieq tar-reati illi kien akkuzat bihom. Bizzejjed issir riferenza ghall-filmat illi ttiehed tar-rikorrent flimkien ma` persuni allegatament koinvolti fit-twettieq ta` reati fejn persuna minnhom hadet karta li serviet biex tinqabad id-droga. Il-filmat ittiehed ad insaputa tar-rikorrent qabel irrilaxxja l-istqarrija. Kien hemm ukoll il-prova tal-konnessjoni illi r-rikorrent kellu mal-post fejn wasal l-avviz tal-posta biex jigi rtirat il-*parcel* bid-droga. Bhala stat ta` fatt irrizulta illi ghalkemm ir-rikorrent kellu proceduri kriminali pendenti kontra tieghu, huwa ghazel illi jixhed fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-persuni l-ohra allegatament koinvolti fir-reati, u stqarr liberament u *viva voce* bil-gurament quddiem qrati ohra, wara li kkonsulta ruhu mal-avukat tieghu, dak li stqarr mal-pulizija meta ma kienx assistit minn avukat, stqarrija li kienet ukoll konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. L-ammissjoni tar-reati u l-patteggjament tal-piena kienu ghazla tar-rikorrent. U ghalhekk ma jistax r-rikorrent bl-istanza tal-lum jittenta illi thassar il-process kriminali, kif del resto, qieghed jitlob meta mill-bidu sal-ahhar irrizulta illi f`dak il-process ir-rikorrent ma kien bl-ebda mod privat mid-dritt ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fl-isfond tal-mod kif svolga l-gbir tal-provi fil-proceduri kriminali, din il-Qorti tghid illi ma kienx b`dak illi stqarr mal-pulizija meta ma kienx assistit minn avukat illi r-rikorrent ppregudika l-posizzjoni tieghu izda bl-imgieba generali tieghu fil-vicenda kollha fejn l-impronta tal-htija tieghu kienet ben evidenti u korraborata minn provi ohra li kienu jmorru ben oltre l-parametri tal-istqarrija, provi li wasslu lir-rikorrent illi jammetti l-akkuzi u jmur ghal patteggjament tal-piena. Ghalhekk r-riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-kawza "**Imbrioscia vs Switzerland**" tal-24 ta` Novembru 1993 hija rilevanti fil-kaz tal-lum.

Ghalhekk anke t-tieni aggravju qieghed jigi rigettat.

Dwar it-tielet aggravju, huwa ormai stabbilit illi r-rikorrent ma jistax jibbenefika mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja b`mod retroattiv fuq kawzi li ghaddew in gudikat. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder. [ara para [60] – [62]; [99] – [103]. "*The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined*".[**A v. The Governor of Arbour Hill Prison** [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36.] Hija wkoll il-linja traccjata minn din il-Qorti fil-gurisprudenza taghha diga` citata.

Ghalhekk it-tielet aggravju qieghed ikun michud ukoll.

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-appell tar-rikorrent, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------